**Is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol huwa obbligu kif ukoll dritt. (L-ewwel parti)**

Introduzzjoni

Is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol hi regolata bl-Att dwar l-Awtorità Għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol u b'numru ta' regolamenti speċifiċi li jindirizzaw diversi setturi u aspetti tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

Filwaqt li hemm regolamenti li japplikaw b'mod ġenerali għal-kull post tax-xogħol, hemm oħrajn li japplikaw għal-setturi speċifiċi biss bħal eżempju ir-regolamenti dwar is-siti ta' kostruzzjoni. L-istess jingħad fil-konfront tar-regolamenti. Filwaqt li ċertu regolamenti japplikaw biss għal ċertu postijiet tax-xoghol u attivitajiet, oħrajn japplikaw b'mod ġenerali għal kull post tax-xogħol.

Ir-regolamenti Maltin huma bbażati fuq Direttivi Ewropew u allura jaddottaw aspett ta' prevenzjoni. Fil-fatt, l-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol ipoġġi obbligu ferm importanti fuq min iħaddem fejn jingħad li l-miżuri li għandhom jittieħdu minn min iħaddem sabiex jevita dannu fiżiku u psikoloġiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xogħol, għandhom jittieħdu fuq il-bażi tal-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni.

Dan ifisser li l-ewwel ħaġa li għandu jagħmel min iħaddem hu li jevita r-riskju. Jekk ma jkunx jista' jevita r-riskju, kif fil-fatt jiġri fil-maġġor parti tal-każijiet, allura għandu jieħu l-miżuri neċessarji sabiex inaqqas ir-riskji b'miżuri li huma legalment aċċettabbli. Per eżempju, ċertu xogħolijiet iġibu magħhom diversi riskji bħal xogħol li jsir fl-għoli – xogħol tipiku li narawh fis-settur tal-kostruzzjoni fost oħrajn. F'dak il-każ, min iħaddem għandu jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jikkontrolla r-riskji li x-xogħol fl-għoli jġib miegħu bħal eżempju, jintrama armar li hu b'saħħtu u li jkollu l-ilqugħ sabiex jipproteġi l-ħaddiema mill-waqgħat mill-għoli. Il-prinċipju ta' prevenzjoni jdur mal-fatt li jekk għandek riskju, inti trid tagħmel minn kollox biex tindirizzah b'mod effikaċi. Eżempju tipiku jikkonċerna l-użu tas-sustanzi perikolużi (kimika etc). F'dak il-każ, hemm ħafna miżuri li wieħed jista jaddotta fosthom, li juża kimika inqas perikoluża, li jkun hemm ventilazzjoni tajba etc.

Sfortunatament ikun hemm ħafna każijiet fejn min iħaddem jaqbad u jmur direttament fuq l-ilbies protettiv u mhux jindirizza r-riskju b'mod ieħor. Fil-parti l-kbira tal-każijiet dan isir minħabba l-fatt li l-ilbies protettiv jiswa inqas flus bħala miżura. Legalment u di principju, l-ilbies protettiv dejjem irid ikun l-aħħar soluzzjoni. Filfatt, jekk wieħed iħares lejn ir-regolamenti, jinduna li l-ilbies protettiv għandu jingħata f'każijiet fejn ir-riskju ma jistax jiġi indirizzat b'miżuri iktar effikaċi.

Barra l-mizuri msemmija hawn fuq, ir-regolamenti jaghmlu enfazi kbira fuq it-tahrig, l-informazzjoni, il-partecipazzjoni tal-haddiema, il-konsultazzjoni u s-supervizjoni. Dawn l-elementi huma kollha importanti sabiex tigi zgurata s-sahha u s-sigurta fuq il-post tax-xoghol.

Aspett Legali

Meta jkun hemm ksur tar-regolamenti tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, jista jkun hemm konsegwenzi kriminali kif ukoll ċivili. Fil-każ tal-kamp kriminali, ir-regolamenti tas-

saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għandhom aspett kriminali. Iġifieri jekk dak li jkun jikser dawn ir-regolamenti, jistgħu jittieħdu passi legali fil-konfront tiegħu minn-naħa tal-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol kif ukoll minn-naħa tal-Pulizija. Fil-każ tal-Awtorità, l-akkużi jkunu jirrigwardaw ir-regolamenti speċifiċi tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Minn naħa tal-Pulizija, jaf ikun hemm ukoll akkużi fuq *"omiċidju involontarju"* – dawn l-akkużi nsibuhom ħafna fil-każijiet fejn in-nuqqas ta' miżuri tas-saħħa u s-sigurtà jkunu wasslu għall-mewt fuq il-post tax-xogħol.

Ikun hemm ukoll akkużi ta' offiżi fuq il-persuna – dawn insibuhom ħafna f'dawk il-każijiet fejn il-persuna ma jkunx miet iżda jkun weġġa fuq il-post tax-xogħol.

Fir-rigward tal-aspett ċivili, il-ksur tar-regolamenti tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol jistgħu wkoll iwasslu għall-azzjoni ċivili mill-vittmi jew il-familjari tal-vittmi skont il-każ. Ovvjament sabiex ikun hemm azzjoni ċivili irid ikun hemm xi forma ta' danni.

Il-Qrati dejjem enfasizzaw il-fatt li min iħaddem irid jiżgura post tax-xogħol li hu sigur u jrid jara li s-sistema tax-xogħol hi sigura wkoll. L-obbligu li tipprovdi post tax-xogħol sigur u sistema tax-xogħol li tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' prevenzjoni tirrikjedi diversi miżuri minn-naħa ta' min iħaddem. Ir-regolamenti dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol ipoġġu diversi obbligi fuq min iħaddem. Ovvjament, min iħaddem hu l-iktar persuna li għandu obbligi u dan minħabba l-fatt li r-regolamenti huma bbażati fuq il-prinċipju li r-riskju jrid jikkontrollaħ minn joħolqu.

Dan kollu jfisser li l-obbligi mhux qegħdin biss fuq min iħaddem iżda jduru wkoll fuq persuni oħra. Fir-rigward ta' obbligi hemm dawk li huma ta' natura ġenerali u dawk ta' natura speċifika.

Ikompli ġimagħtejn ohra fejn inħarsu aktar dwar L-obbligi ta' min iħaddem.

# Is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol huma obbligu kif ukoll dritt (l-ewwel parti)



Natalino Caruana
De Brincat
Avukat

Is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol huma regolati bl-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol u b'numru ta' regolamenti speċifiċi li jindirizzaw diversi setturi u aspetti tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

Filwaqt li hemm regolamenti li japplikaw b'mod ġenerali għal kull post tax-xogħol, hemm oħrajn li japplikaw għal setturi speċifiċi biss, bħal pereżempju r-regolamenti dwar is-siti ta' kostruzzjoni. L-istess jingħad fil-konfront tar-regolamenti. Filwaqt li ċerti regolamenti japplikaw biss għal ċerti postijiet tax-xogħol u attivitajiet, oħrajn japplikaw b'mod ġenerali għal kull post tax-xogħol.



L-ilbies protettiv għandu jingħata f'każijiet fejn ir-riskju ma jistax jiġi indirizzat b'miżuri iktar effikaċi.

Ir-regolamenti Maltin huma bbażati fuq direttivi Ewropej u allura jadottaw aspett ta' prevenzjoni. Fil-fatt, l-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol ipoġġi obbligu ferm importanti fuq min iħaddem hekk kif jingħad li l-miżuri li għandhom jittieħdu minn min iħaddem sabiex jevita dannu fiżiku u psikoloġiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xogħol, għandhom jittieħdu fuq il-bażi tal-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni.

Dan ifisser li l-ewwel ħaġa li għandu jagħmel min iħaddem hu li jevita r-riskju. Jekk ma jkunx jista' jevita r-riskju, kif fil-fatt jiġri fil-maġġoranza tal-każijiet, allura għandu jieħu l-miżuri neċessarji sabiex inaqqas ir-riskji b'miżuri li huma legalment aċċettabbli. Pereżempju, ċerti xogħlijiet iġibu magħhom diversi riskji, bħal xogħol li jsir fl-għoli – xogħol tipiku li narawh fis-settur tal-kostruzzjoni fost oħrajn. F'dak il-każ, min iħaddem għandu jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jikkontrolla r-riskji li x-xogħol fl-għoli jġib miegħu, bħal pereżempju jintrama armar li hu b'saħħtu u li jkollu l-ilqugħ sabiex jipproteġi l-ħaddiema mill-waqgħat mill-għoli. Il-prinċipju ta' prevenzjoni jdur mal-fatt li jekk għandek riskju, int trid tagħmel minn kollox biex tindirizzah b'mod effikaċi. Eżempju tipiku jikkonċerna l-użu tas-sustanzi perikolużi (kimika, etc.). F'dak il-każ, hemm ħafna miżuri li wieħed jista' jadotta, fosthom li jużа kimika inqas perikoluża, li jkun hemm ventilazzjoni tajba, etc.

Sfortunatament, ikun hemm ħafna każijiet fejn min iħaddem jaqbad u jmur direttament fuq l-ilbies protettiv u mhux jindirizza r-riskju b'mod ieħor. Fil-parti l-kbira tal-każijiet dan isir minħabba l-fatt li l-ilbies protettiv jiswa inqas flus bħala miżura. Legalment u di prinċipju, l-ilbies protettiv dejjem irid ikun l-aħħar soluzzjoni. Fil-fatt, jekk wieħed iħares lejn ir-regolamenti, jinduna li l-ilbies protettiv għandu jingħata f'każijiet fejn ir-riskju ma jistax jiġi indirizzat b'miżuri iktar effikaċi.

Barra l-miżuri msemmija hawn fuq, ir-regolamenti jagħmlu enfasi kbira fuq it-taħriġ, l-informazzjoni, il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema, il-konsultazzjoni u s-superviżjoni. Dawn l-elementi huma kollha importanti sabiex jiġu żgurati s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

**Il-Qrati dejjem enfasizzaw il-fatt li min iħaddem irid jiżgura post tax-xogħol li hu sigur u jrid jara li s-sistema tax-xogħol hi sigura wkoll**

### Aspett legali

Meta jkun hemm ksur tar-regolamenti tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, jista' jkun hemm konsegwenzi kriminali kif ukoll ċivili. Fil-każ tal-kamp kriminali, ir-regolamenti tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għandhom aspett kriminali. Jiġifieri jekk dak li jkun jikser dawn ir-regolamenti, jistgħu jittieħdu passi legali fil-konfront tiegħu min-naħa tal-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol kif ukoll min-naħa tal-Pulizija. Fil-każ tal-Awtorità, l-akkużi jkunu jirrigwardaw ir-regolamenti speċifiċi tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Min-naħa tal-Pulizija, jaf ikun hemm ukoll akkużi fuq "omiċidju involontarju" – dawn l-akkużi nsibuhom ħafna fil-każijiet fejn in-nuqqas ta' miżuri tas-saħħa u s-sigurtà jkun wassal għal mewt fuq il-post tax-xogħol.

Ikun hemm ukoll akkużi ta' offiżi fuq il-persuna – dawn insibuhom ħafna f'dawk il-każijiet fejn il-persuna ma jkunx miet iżda jkun weġġa' fuq il-post tax-xogħol.

Fir-rigward tal-aspett ċivili, il-ksur tar-regolamenti tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol jista' wkoll iwassal għal azzjoni ċivili mill-vittmi jew il-familjari tal-vittmi, skont il-każ. Ovvjament sabiex ikun hemm azzjoni ċivili jrid ikun hemm xi forma ta' danni.

Il-Qrati dejjem enfasizzaw il-fatt li min iħaddem irid jiżgura post tax-xogħol li hu sigur u jrid jara li s-sistema tax-xogħol hi sigura wkoll. L-obbligu li tipprovdi post tax-xogħol sigur u sistema tax-xogħol li tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' prevenzjoni jirrikjedi diversi miżuri min-naħa ta' min iħaddem. Ir-regolamenti dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol ipoġġu diversi obbligi fuq min iħaddem. Ovvjament, min iħaddem hu l-iktar persuna li għandu obbligi u dan minħabba l-fatt li r-regolamenti huma bbażati fuq il-prinċipju li r-riskju jrid jikkontrollah min joħolqu.

Dan kollu jfisser li l-obbligi mhux qegħdin biss fuq min iħaddem iżda jduru wkoll fuq persuni oħra. Fir-rigward ta' obbligi hemm dawk li huma ta' natura ġenerali u dawk ta' natura speċifika.

*Ikompli ġimagħtejn oħra meta nħarsu aktar lejn l-obbligi ta' min iħaddem.*

AGĦTI L-OPINJONI TIEGĦEK

KONSULTAZZJONI PUBBLIKA
Valutazzjoni tal-Impatt Soċjali (SIA) bħala għodda fis-sistema tal-ippjanar

L-Awtorità tal-Ippjanar qed tipproponi proċeduri standard għall-Valutazzjoni tal-Impatt Soċjali (SIA) biex isir rekwiżit bħala parti mis-sistema tal-ippjanar.

L-introduzzjoni tal-SIA f'Malta għadha fil-bidu tagħha, infatti l-Awtorità tal-Ippjanar qed tikkonsidra li tintroduċi proċeduri standard għal dan l-iskop, kif ukoll it-termini ta' riferenza biex tiggwida l-preparazzjoni ta' SIA fil-futur. Sal-lum, l-SIA hija obbligatorja biss jekk proġett propost ikun qiegħed jiġi propost skont it-*Tall Building Policy*.

L-SIA għandha l-iskop li tidentifika l-impatti soċjali pożittivi u negattivi tal-proġetti ppjanati jew it-tfassil ta' proċeduri proposti. L-SIA tintuża biex itaffi l-impatti negattivi u tidentifika opportunitajiet biex jitjiebu l-benefiċċji għall-komunitajiet lokali u s-soċjetà inġenerali.

Il-proċeduri proposti jistgħu jitniżżlu mill-websajt tal-Awtorità tal-Ippjanar www.pa.org.mt. L-Awtorità tistieden lill-pubbliku biex jibgħat il-kummenti u r-reazzjonijiet tiegħu permezz tal-indirizz elettroniku: sia@pa.org.mt.

Is-sottomissjonijiet iridu jaslu għand l-Awtorità sat-28 ta' Ġunju 2019.

PLANNING AUTHORITY

www.pa.org.mt